**11 ta' Jannar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Teresa Vassallo

*versus*

Giuseppe Dimech et.

**Retratt — Kontra min jista' jiġi eżerċitat — Art. 1492 u 1498 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hi ġurisprudenza paċifika fil-Qrati Tagħna illi, meta r-retraent ma jkunx ġie notifikat b'att ġudizzjarju bil-fatt li l-akkwirent tal-fond li hu jrid jirkupra ttrasferieh lil ħadd ieħor, allura r-retratt jiġi eżerċitat tajjeb kontra x-xerrej akkwirent oriġinarju; u dan avvolja r-retraent kien jaf bit-trasferiment. Għax ir-rekwiżit tan-notifika ma jistax jiġi rimpjazzat bix-xjenza.*

*Għaldaqstant, ir-retraent, meta l-fond ikun ġie trasferit mill-akkwirent lil terza persuna, jista' "stricto jure" jeżerċita r-retratt u jitlob ir-rivendizzjoni kontra x-xerrej oriġinarju u jagħmel id-depożitu konsegwibbli minnu; għalkemm fil-prattika, f'każijiet simili, biex ma jinqalgħux ostakoli, ir-rivendizzjoni fiċ-ċedola ta' rkupru tintalab alternattivament fil-konfront tax-xerrej oriġinarju jew tal-attwali possessur, u d-depożitu fl-istess ċedola jingħad konsegwibbli minn min imiss.*

*U għalhekk l-attwali possessur, ladarba ma kienx hemm dik in-notifika ġudizzjarja tat-trasferiment magħmul favur tiegħu lir-retraent, ma jistax isostni li ċ-ċedola ta' rkupru hija nulla għax id-depożitu fiha jkun sar biss konsegwibbli mill-akkwirent oriġinarju, u mhux minnu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' Teresa Vassallo quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Għejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri

Tagħha bħala Qorti taċ-Ċivil, kontra Giuseppe Dimech u Carmelo Farrugia, li biha l-attriċi esponiet illi l-konvenut Dimech, b'kuntratt tat-22 ta' Frar 1957 in atti Dottor Joseph Cachia (Dok. A) akkwista b'xiri l-għalqa demoninata "ta' Goljat", limiti Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ...... konfinata ...... u dan bil-prezz ta' £170; u illi lill-attriċi jikkompeti d-dritt ta' retratt legali fuq dan it-trasferiment bit-titolu tal-konsangwineità, peress li l-għalqa kienet tappartjeni lill-axxendent komuni għall-attriċi u għall-konvenut Dimech (recte għall-vendituri), u qatt ma kienet ħarget mill-familja; liema dritt ġie eżerċitat permezz ta' ċedola ta' retratt u kontestwali depożitu tat-3 ta' Awissu 1957 (dok. B); b'liema ċedola ġiet depożitata s-somma ta' £178.15.3, għall-prezz, imgħax u spejjeż li kienet taf bihom l-attriċi; u illi l-konvenut Dimech kien irrivenda lill-konvenut Farrugia, fuq irkupru bit-titolu tal-viċinanza eżerċitat b'ċedola quddiem din il-Qorti; u illi, għalkemm id-dritt tal-attriċi huwa pozjuri għal dak tal-konvenut Farrugia, u għalkemm il-konvenut Dimech ġie nterpellat sabiex jagħmel ir-rivendizzjoni favur l-attriċi, s'issa din ir-rivendizzjoni għada ma saretx; u talbet (a) li jiġi deċiż u dikjarat illi t-titolu tal-konsangwineità tal-attriċi li tirkupra l-għalqa trasferita bl-att imsemmi tat-22 ta' Frar 1957 huwa pozjuri għal dawk tal-konvenut Farrugia; (b) li jiġi deċiż u dikjarat li l-imsemmi dritt ta' retratt tal-attriċi ġie validament eżerċitat biċ-ċedola fuq imsemmija tat-3 ta' Awissu 1957; (ċ) li jiġu likwidati l-eventwali spejjeż oħra (barra dawk li ġa ġew depożitati maċ-ċedola tar-retratt), li tagħhom l-attriċi tista' tkun obligata li tħallas; (d) li l-konvenut Dimech jiġi kundannat sabiex jagħmel favur l-attriċi r-rivendizzjoni tal-għalqa fuq imsemmija fit-terminu li jiġi fissat minn din il-Qorti, u fil-każ li l-konvenut Dimech iħalli jgħaddi inutilment dan it-terminu, ma għandhiex ir-rivendizzjoni tiġi dikjarata li operat ruħha "ope sententiae"; (e) u li l-konvenut Farrugia jiġi kundannat sabiex fi żmien perentorju jirrilaxxja favur l-attriċi l-imsemmija għalqa. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1957, kontra l-konvenuti, inġunti minn issa għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' April 1959, li biha (a) laqgħet l-ewwel domanha, u ddikjarat illi t-titolu tal-konsangwineità tal-attriċi li tirkupra l-għalqa trasferita bl-att imsemmi tat-22 ta' Frar 1957, huwa pożjuri għal dak tal-konvenut Farrugia; (b) laqgħet it-tieni domanda, u ddikjarat li l-imsemmi dritt ta' retratt tal-attriċi ġie validament eżerċitat biċ-ċedola fuq imsemmija tat-3 ta' Awissu 1957; (ċ) ipprovdiet fuq it-tielet domanda billi ddikjarat li ma hemmx spejjeż oħra barra minn dawk li ġa ġew depożitati maċ-ċedola tar-retratt, li tagħhom l-attriċi tista' tkun obligata li tħallas; (d) laqgħet ir-raba' domanda fis-sens biss li ordnat lill-konvenut Giuseppe Dimech, bħala l-kumpratur oriġinarju, li jkun preżenti għall-att tar-rivendizzjoni u tal-iżbank konsegwenzjali, meta dan isir, u fil-każ li jsir, minn kwalunkwe persuna li tista' tagħmlu skond il-liġi in bażi għall-imsemmija ċedola tat-3 ta' Awissu 1957, u dan speċjalment għall-finijiet ta' kwalunkwe kunsens li jkun neċessarju li huwa jippresta għal dan l-iżbank, salvi d-drittijiet tiegħu għall-likwidazzjoni u ħlas tal-ispejjeż talvolta dovuti mill-attriċi skond il-liġi; (e) ċaħdet l-aħħar domanda. L-ispejjeż relattivi għall-ewwel u għat-tielet domanda jitħallsu nofs kull wieħed miż-żewġ konvenuti; dawk relattivi għat-tieni domanda jitħallsu in kwantu għal kwart mill-konvenut Dimech u in kwantu għal tliet kwarti mill-konvenut Farrugia; dawk relattivi għar-raba' domanda in kwantu għal terz millkonvenut Dimech u in kwantu għal żewġ terzi mill-attriċi; u dawk relattivi għall-ħames domanda jitħallsu mill-attriċi. Billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-attriċi, fit-3 ta' Awissu 1957, ippreżentat fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati ċedola ta' rkupru u ta' kontestwali depożitu kontra l-konvenuti, li biha esponiet:—

1. Illi b'kuntratt fl-atti ta' Dottor Joseph Cachia tat-22 ta' Frar 1957 il-konvenut Dimech akkwista b'titolu ta' vendita l-għalqa msejħa "ta' Goljat" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex tal-kejl superfiċjali ta' ċirka...... tikkonfina...... versu l-prezz ta' £170 u bil-kondizzjonijiet l-oħra kollha li jirriżultaw mill-indikat att ta' bejgħ;

2. Illi lill-attriċi jikkompeti d-dritt ta' rkupru fuq dan it-trasferiment bit-titolu ta' konsangwineità, peress li......;

3. Illi l-imsemmi retrattarju rrivenda u rrilaxxja dan il-fond lil Carmelo Farrugia, wara eżerċizju ta' dritt ta' rkupru bit-titolu tal-viċinanza, kif jidher......; u dan it-trasferiment ġie annotat fir-Reġistru Publiku ta' Għawdex fil-Volum Insinwa bin-nota numru 274 tas-sena 1957;

4. Illi t-titolu tal-attriċi huwa pozjuri għal dak tal-imsemmi Farrugia;

Illi fuq dawn il-motivi l-attriċi, kif jidher mill-imsemmija ċedola, eżerċitat id-dritt ta' rkupru li jikkompeti lilha u rkuprat l-imsemmija għalqa; u fil-waqt li ddepożitat is-somma ta' £178.15.3, kwantu għal £170 in rifużjoni tal-prezz tal-vendita, £4.15.0 spejjeż tar-retrattarju relattivi għall-att ta' trasferiment, £4.0.3 lukri legali, qalet li d-depożitu "jista' jiġi liberament żbankat mill-imsemmi Giuseppe Farrugia ma'li huwa jopera r-rivendizzjoni a favur tal-attriċi;

L-attriċi, fl-aħħarnett, iddikjarat li hija ma tafx xi spejjeż u żborżi oħra seta' għamel ir-retrattarju, u obligat ruħha li tirreintegra d-depożitu skond il-liġi;

L-imsemmija ċedola ġiet notifikata liż-żewġ konvenuti fil-5 ta' Awissu 1957;

Jirriżulta minn nota ta' Insinwa Dok. A fil-fol. 4 u mill-kopja tal-kuntratt Dok. BB fil-14. 14. illi l-konvenut Dimech akkwista l-għalqa in kwistjoni b'titolu ta' vendita minn għand il-kondividenti, fosthom Maria Vassallo, li fl-att tan-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini (Dok. X fol. 21) messhom il-ħames porzjoni fid-diviżjoni tal-istabili appartenenti lill-eredità tan-nanna materna — porzjoni li kienet tinkludi l-għalqa in kwistjoni. L-attriċi mbgħad tirriżulta t-tifla tal-imsemmija Maria Vassallo mill-fidi tal-magħmudija Dok. A fil-fol. 13;

Jirriżulta wkoll, mit-tieni xhieda tal-konvenut Carmelo Farrugia fol. 37, illi l-ewwel irkupru, meta huwa kien ir-retraent, ġie eżerċitat bit-titolu tal-viċinanza, billi huwa u l-familja tiegħu kienu ilhom jeżerċitaw dritt ta' passaġġ fuq l-istess għalqa għall-anqas għall-aħħar ħamsin sena;

Wara n-notifika taċ-ċedola, il-passi li ħadu ż-żewġ konvenuti jirriżultaw mid-depożizzjonijiet tagħhom fil-fol. 11. Il-konvenut Giuseppe Dimech jgħid li qabel ma rċieva l-ittra uffiċjali (dok. Y fol. 27) tat-3 ta' Ottubru 1957 kien diġà għamel ir-rivendizzjoni favur il-konvenut l-ieħor, u lill-attriċi kien infurmaha qabel l-irkupru tagħha li kien ġa rrivenda lill-konvenut l-ieħor. Wara li ġie notifikat biċ-ċedola tal-attriċi, u qabel ma rċieva l-imsemmija ittra uffiċjali, huwa kien, kemm per mezz tat-telefon u kemm b'ittra, informa lill-attriċi li hu ma baqgħalux x'jaqsam mal-fond, għaliex diġà irrivenda. Wara l-ittra uffiċjali huwa staqsa lill-konvenut l-ieħor għaliex ma kienx irrivenda, u dan qallu li l-karta kien tefagħha fil-but u baqgħet hemm;

Il-konvenut Carmelo Farrugia jgħid li, meta ġie notifikat biċ-ċedola tat-3 ta' Awissu 1957, staqsa lil wieħed li kien jaf li jifhem, u dan qallu li kif kienet iċ-ċedola ma kienx jista' jirtira l-flus. Aktar tard, meta rċieva l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1957, mar il-Qorti għand ir-Reġistratur, u dan qallu illi kif kienet iċ-ċedola ma kienx jista' jirtira l-flus, għaliex dawn kienu f'isem Giuseppe Dimech. Huwa fil-fatt kien mar biex jagħmel ir-rivendizzjoni, però b'dan ma nfurmax lill-attriċi;

Ix-xhieda ta' dan il-konvenut, il-Prokuratur Legali Joseph Cefai, Assistent Reġistratur, u Michel'Angelo Cauchi, it-tnejn qalu li huma kienu nfurmaw lill-konvenut Farrugia li ma kienx jista' jiżbanka d-depożitu, billi skond iċ-ċedola dawn il-flus ried jiżbankahom il-konvenut Giuseppe Dimech;

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel domanda tal-attriċi, biex jiġi deċiż u dikjarat illi t-titolu tal-konsangwineità tal-attriċi li tirku-

pra l-għalqa trasferita bl-att tat-22 ta' Frar 1957 huwa pozjuri għal dak tal-konvenut Farrugia, illi ma jidherx li hemm kontestazzjoni dwar dan il-punt; u anki kieku kien hemm, jirriżulta, kif ġa ntqal, illi d-dritt tal-attriċi għar-retratt per konsangwineità, jew retratt ġentilizju, huwa bażat, billi jirrikorru l-estremi neċessarji u ċjoè......;

Illi huwa ta' min jirrileva illi t-tieni retraent ma jsofri ebda preġudizzju bil-fatt li hu jeżerċita d-dritt tiegħu wara ħadd ieħor; anzi "è in sua facoltà di esercitare il retratto in qualunque giorno del termine stabilito senza che il diritto esercitato precedentemente da chi ha un titolo meno valido lo possa in alcun modo pregiudicare" ("Pace vs. Stivala et.", Prim'Awla 30.4.1902. Kollez. XVIII-II-156);

Dwar it-tieni domanda, biex jiġi deċiż u dikjarat li l-imsemmi dritt ta' retratt tal-attriċi ġie validament eżerċitat biċ-ċedola fuq imsemmija tat-3 ta' Awissu 1957, illi mill-kumpless taċ-ċedola msemmija jidher li l-attriċi riedet teżerċita d-dritt tagħha kontra l-kumpratur, il-konvenut Dimech; u għalkemm iċ-ċedola saret kontra ż-żewġ konvenuti, jidher ċar mill-espressjonijiet sottolineati iżjed il-fuq li r-retrattarju kellu jkun wieħed, ċjoè il-konvenut Dimech, u li huwa kellu jirtira d-depożitu u jopera r-rivendizzjoni. Jekk il-konvenut Farrugia ġie nkluż bħala r-retraent preċedenti, li lilu, kif stqarret l-attriċi fl-istess ċedola, kien ġa rrivenda l-konvenut l-ieħor, dan ġie nkluż sempliċement biex ikun notifikat għad-drittijiet u obligi kollha li setgħu jinħolqu favur u kontra tiegħu bħala effett taċ-ċedola msemmija;

Illi l-konvenut Giuseppe Dimech eċċepixxa illi bil-mod kif kienet magħmula ċ-ċedola huwa qatt ma sata' jersaq għar-rivendizzjoni, għaliex kien diġà rrivenda lill-konvenut Farrugia; u dan l-aħħar konvenut eċċepixxa li hu ma setgħax jirrivendi u jirrilaxxja l-fond, billi fit-termini taċ-ċedola ma jistax jiżbanka d-depożitu magħmul bl-istess ċedola. Iżjed tard, il-konvenut Farrugia eċċepixxa illi l-irkupru eżerċitat mill-attriċi ma jistax ikollu effett legali kontra tiegħu billi ma ngħatatx lilu l-fakoltà li jirtira d-depożitu;

Illi għalhekk huwa ta' nteress li tiġi riżoluta l-kwistjoni prinċipali tal-validità taċ-ċedola u tal-effetti li hija, fil-każ wahdu, għandha jkollha kontra ż-żewġ konvenuti; għaliex b'hekk mhux biss tkun tista' tiġi akkolta jew respinta l-pretensjoni tal-konvenut Dimech, li malli huwa rrivenda lill-konvenut l-ieħor ma baqgħalux ebda obligi lejn kull retraent ieħor, għar-raġuni li huwa ma jistax jerġa jagħmel ir-rivendizzjoni, imma tiġi wkoll riżoluta l-kwistjoni mqajma mill-konvenut l-ieħor dwar id-depożitu, li, almenu kif espressa fl-eċċezzjoni ulterjuri, tammonta mhux biss għall-kondizzjoni ġusta fuq id-depożitu, imma għan-nuqqas assolut tiegħu fir-rigward tat-tieni konvenut ... żewġ pretensjonijiet li jfissru li r-retratt ġie nullament eżerċitat;

Illi l-kwistjoni tirrigwarda l-persuni li kontra tagħhom l-attriċi setgħet teżerċita d-dritt tar-retratt li hija għandha fuq l-imsemmi fond; u dan għaliex mhux biss il-kumpratur, il-konvenut Dimech, fiż-żmien li hija ppreżentat iċ-ċedola tar-retratt kien diġà rrivenda l-għalqa lill-konvenut l-ieħor, imma għaliex mingħajr ebda dubju hija kienet taf tant bir-retratt kemm bir-rivendizzjoni, u anzi semmiethom fl-istess ċedola;

Illi r-regola f'każi simili tinsab stabbilita sewwa fil-ġurisprudenza. Sa mill-1875, fil-kawża "Giuseppa Saliba vs. Odelone Caruana ed altri", (Kollez. VII, 538), il-Qorti kienet tirritjeni "che è di regola che il retratto, per essere validamente esercitato, deve essere diretto contro chi si trovasse nell'attuale possesso della cosa al tempo in cui lo stesso viene intentato colla presentazione della cedola nel registro della corte competente, non ostante il trasferimento della cosa dall'originario compratore ad altra persona; per la ragione che non altri fuori dell'attuale possessore può farne la rivendizione a favore del retraente; che questa regola, però, soffre eccezione nel caso in cui il trasferimento non sarà pervenuto legalmente a notizia del retraente prima che il retratto viene esercitato;"

Iżjed il-quddiem, l-istess Qorti ċċarat l-espressjoni "pervenuto legalmente a notizia del retraente", u qalet illi:

"Il retraente esercita validamente il retratto presentando la cedola nel registro della corte competente secondo la residenza del compratore, quando non sia stato prima per atto giudiziario notificato del trasferimento della cosa dal compratore ad un'altra persona";

Jidher għalhekk illi, biex ir-retraent jiġi prekluż milli jeżerċita d-dritt tiegħu kontra l-kumpratur oriġinali, ma hux biżżejjed illi huwa jkun jaf illi dan ma għadux il-possessur tal-fond bil-mezzi ordinarji ta' prova anki l-iżjed konklużivi, imma hemm bżonn in-notifika b'att ġudizzjarju li għandha tasallu qabel ma huwa jeżerċita d-dritt tiegħu per mezz taċ-ċedola;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fil-kawża "Rosario Tabone vs. Salvatore Tabone et." deċiża fis-16 ta' Novembru 1935 (Kollez. XXIX-II-754), kellha quddiemha l-istess fatti tal-kawża preżenti, għal dak li jirrigwarda x-xjenza tar-retraent u rriteniet li dawn kienu insuffiċjenti. Dik il-Qorti qalet hekk:— "Ma hemmx dubju illi l-attur, meta ppreżenta ċ-ċedola fuq imsemmija, kien jaf tant bir-retratt tal-konvenut Salvatore Tabone kemm ukoll bir-rivendizzjoni magħmula minn Nutar Vella favur tiegħu, għaliex tant tal-ewwel ċirkustanza kemm tat-tieni huwa jagħmel menzjoni fl-istess ċedola tiegħu; però mill-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza f'każi simili. jew analogi, jidher illi x-xjenza biss, sija pure pożittiva u kjarament pruvata, ma hix biżżejjed, imma hija rikjesta notifika b'att ġudizzjarju ntimanti t-trasferiment";

Il-Professur Victor Caruana Galizia, fin-noti tiegħu lill-istudenti universitarji, josserva:— "Per facilitazione del retraente, tuttavia, se egli non fu notificato per atto giudiziario del trasferimento della cosa dal compratore ad un'altra persona, la legge gli concede la facilità di esercitare il retratto colla presentazione della cedola contro lo stesso compratore nel foro del suo domicilio (art. 1162, illum 1948 tal-Kodiċi Ċivili)...... Ben inteso, che in questo caso devono essere dall'attuale possessore notificati gli atti fino allora eseguiti e quegli successivi. Questo diritto è una facoltà data al retraente, il quale può invece, se egli

conosce indipendentemente da qualunque notifica fattagli dal compratore, notificare da principio l'attuale possessore presentando la cedola nella corte del domicilio di costui";

Illi li r-retratt preċedentement eżerċitat mill-konvenut Farrugia jidħol fl-ambitu tal-kelma "trasferiment" jidher mis-sentenza l-aħħar ċitata, fejn l-irkupru ġie deskritt bħala "it-trasferiment favur Salvatore Tabone"; u għalhekk ma jidherx li l-fakoltà mogħtija lir-retraent fl-art. 1498 tal-Kodiċi Ċivili għandha tispiċċa meta l-kumpratur oriġinali jkun għadda l-fond lil ħadd ieħor bħala effett ta' retratt preċedenti;

Minn dan kollu jidher illi l attriċi eżerċitat sewwa d-dritt tagħha; meta ddiriġiet l-irkupru tagħha kontra l-konvenut Dimech; u jekk fiċ-ċedola nkludiet lill-konvenut Farrugia, hija kienet qegħdha tinnotifika mill-bidu lill-attwali possessur, li, kif jidher, għandu dritt li jiġi notifikat, u anzi kien obligu tal-attriċi li tinnotifikah, biex id-dritt eżerċitat minnha jorbot lilu wkoll;

Issegwi l-konsegwenza li, jekk l-attriċi kellha d-dritt tirkupra minn għand il-kumpratur, hija kellha wkoll tagħmel id-depożitu f'ismu, u titlob ir-rivendizzjoni minn għandu; u non ostante l-fatt li kien għad baqa' ż-żmien biex hija tbiddel iċ-ċedola, anki meta nstabet id-diffikultà mir-Reġistratur tal-Qorti biex isiru l-iżbank u r-rivendizzjoni, hija ma kienetx obligata li tagħmel dan. Fil-kawża ġa ċitata, "Saliba vs. Caruana", jingħad hekk:— "Che applicando al caso i principi e le disposizioni di legge sopra enunciati, il retratto esercitato dall'attrice deve sortire il suo legale effetto, non ostante che il termine legale per intentare il retratto al tempo della presentazione della cedola, ed al tempo in cui l'attrice fu notificata legalmente del trasferimento fatto alle sorelle Galea, decorreva tuttora......". U iżjed il-quddiem:— "Non era necessario che la stessa esercitasse il suo diritto nuovamente......";

Illi bin-notifika taċ-ċedola liż-żewġ konvenuti sorġa l-obligu fl-attwali possessur, il-konvenut Farrugia, li jagħmel ir-rivendizzjoni, billi ħadd ħliefu ma jista' jagħmel

ir-rivendizzjoni, u l-obligu fil-kumpratur oriġinali, il-konvenut Dimech, li jkun preżenti għall-att tar-rivendizzjoni u tal-iżbank konsegwenzjali għal dak kollu li seta' jkun neċessarju, u speċjalment ta' xi kunsens li jkun meħtieġ. Infatti, hekk qasmet l-impenji taż-żewġ partijiet il-ġurisprudenza, kemm fil-każi fejn il-kumpratur u l-ewwel retraent ġie eżerċitat l-irkupru kontra tagħhom flimkien, u kemm fil-każi fejn il-possessur attwali tħalla barra u ġie msejjaħ iżjed tard fil-kawża ("Tabone vs. Tabone et." u "Gulia vs. Sant Fournier", Appell Kollez. XXXVII-I-403);

Illi għalhekk ma hux korrett dak li qal il-konvenut Dimech, li billi huwa ma setgħax jagħmel ir-rivendizzjoni ma kellu ebda obligu ieħor ħlief dak li jinforma lill-attriċi u li jinsisti mal-konvenut Farrugia biex jirrivendi. Huwa kien fid-dover li jersaq għall-att tar-rivendizzjoni biex jillibera d-depożitu favur il-konvenut l-ieħor, u kieku għamel hekk il-kwistjoni li ġiebet il-quddiem din il-kawża ma kienetx issorġi;

Ikkunsidrat;

Dwar it-tielet domanda, illi l-ispejjeż ulterjuri li l-attriċi hija responsabbli għalihom huma dawk tal-vendita oriġinali. "Il secondo retraente, con un diritto prevalente a quello del primo, non deve rimborsare a costui le spese fatte in occasione del retratto, perchè a tali spese non avrà dato causa......" (Kollez. XVIII-II-157);

Illi skond il-verbal tal-lum, 3 ta' April 1959, jidher illi l-konvenut Dimech, ħlief l-ispejjeż ġa depożitati, ma għandux spejjeż oħra, u għalhekk ma hemm lok għal ebda likwidazzjoni ta' xi spejjeż ulterjuri li r-retraent għandu jiddepożita;

Dwar ir-raba' u l-ħames domanda, illi in bażi ta' dak li ntqal iżjed il-fuq l-attriċi kellha d-dritt li titlob ir-rivendizzjoni minn għand iż-żewġ konvenuti u l-Qorti kienet tillimita l-kundanna tal-konvenut Dimech għas-sempliċi pre-

żenza u kunsens waqt l-att, speċjalment għal dak li jirrigwarda d-depożitu. Iżda hija għażlet li taġixxi kontraż-żewġ konvenuti, u mbgħad ommettiet mit-talba għar-rivendizzjoni illi l-konvenut Farrugia, li huwa l-uniku wieħed li jista' jattwaha. Osserva tajjeb il-konvenut Farrugia fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, illi fiċ-ċirkustanzi kwalunkwe kundanna tiegħu f'dan is-sens timporta deċiżjoni "ultra petita". U jekk il-konvenut Farrugia ma jistax jiġi kunsidrat għall-kundanna biex jagħmel ir-rivendizzjoni, in kwantu d-domanda relattiva ma hix diretta kontra tiegħu, anqas u anqas jista' jiġi kundannat li jirrilaxxja l-fond, għaliex hija r-rivendizzjoni li tipperfezzjona l-irkupru u ġġib l-obligu tar-rilaxx; u nfatti l-attriċi tista' sal-aħħar, qabel ir-rivendizzjoni, tirtira l-irkupru tagħha, li sa dak il-mument ikun għadu att unilaterali;

Divers kien ikun il-każ kieku Farrugia ma kienx inkluż bħala konvenut u ġie msejjaħ fil-kawża iżjed tard; għaliex "il terzo chiamato in causa è considerato come qualunque altro convenuto, e quindi può essere condannato o liberato", għalkemm id-domandi ma kienux oriġinarjament diretti kontra tiegħu; imma la huwa ġie msejjaħ bħala konvenut mill-bidu, għandu jiġi ritenut li l-aħħar żewġ domandi tal-attriċi saru ħażin għal dak li jirrigwarda l-konvenut Farrugia;

Illi għalhekk, in bażi għad-domandi kif magħmula ir-rivendizzjoni ma tistax tiġi ordnata, u għandu biss jiġi kunsidrat jekk jistax jiġi kundannat il-konvenut Dimech li jadempixxi dawk l-obligi tiegħu waqt l-att tar-rivendizzjoni, li huma ċertament inklużi fit-talba ġenerali għar-rivendizzjoni, kemm il-darba r-rivendizzjoni f'data futura tiġi ordnata li ssir, jew mill-konvenut Farrugia, jew minn kwalunkwe possessur ieħor li jista' sa dak iż-żmien ikun il-persuna idonea, jew issir volontarjament minn xi ħadd minnhom;

Ma jidherx li hemm ostakolu għall-kundanna simili; għaliex, għalkemm fil-każ preżenti ma tistax tiġi aċċertata d-data li fiha sejra ssir ir-rivendizzjoni, u anzi lanqas jekk din hix sejra ssir, l-obligi tal-konvenut Dimech jibqgħu

dejjem l-istess, in forza taċ-ċedola tar-retratt imsemmija, fil-konfront ta' kull min jista' jagħmel ir-rivendizzjoni bis-saħħa ta' dik iċ-ċedola, u ma jarrekalu ebda preġudizzju l-fatt li huwa jkun marbut bi żmien illimitat li fih huwa għandu jagħti l-kunsens tiegħu waqt l-att tar-rivendizzjoni bis-saħħa tal-istess ċedola;

Ma kienx ikun divers il-każ kieku l-konvenut Farrugia ried jirrivendi volontarjament; għaliex f'każ simili d-domanda għall-preżenza u għall-kunsens tal-konvenut Dimech kienet tista' tieqaf weħedha u ndipendentement minn kwalunkwe kundanna oħra; salvi dejjem id-drittijiet tiegħu għall-likwidazzjoni u ħlas tal-ispejjeż dovuti lilu skond il-liġi;

Rat fol. 59 in-nota tal-appell tal-konvenut Carmelo Farrugia, u fol. 60 l-petizzjoni tiegħu, li biha talab illi (1) kwantu għall-ewwel talba, din tiġi dikjarata superfluwa, bħala li ma kienetx meħtieġa, u qatt ma kienet kontestata, anzi kienet ammessa, mill-appellanti, u fil-każ anki li ma tiġix hekk dikjarata superfluwa, u hekk fi kwalunkwe każ, jiġi riformat il-kap tal-ispejjeż relattivi fis-sens illi n-nofs tal-ispejjeż relattivi li ġie akkollat lill-esponent jiġi akkollat kontra l-attriċi; (2) kwantu għat-tieni domanda, din tiġi miċħuda, prevja r-revoka tas-sentenza appellata fil-kap relattiv, u l-kap relattiv tal-ispejjeż, in kwantu l-esponent ġie kundannat iħallas tliet kwarti minnu, jiġi riformat fis-sens li din il-kwota ta' spejjeż tiġi akkollata lill-attriċi; (3) kwantu għat-tielet domanda, din tiġi dikjarata inattendibbli bħala konsegwenzjali għall-imsemmija tieni domanda; diversament tiġi konfermata; imma fi kwalunkwe każ il-kap relattiv tal-ispejjeż, li bih l-esponent ġie kundannat iħallas nofshom, jiġi riformat fis-sens li dan in-nofs jiġi akkollat lill-attriċi; (4) kwantu għar-raba' talba, din tiġi wkoll dikjarata inattendibbli bħala konsegwenzjali għad-domandi preċedenti, u fi kwalunkwe każ tiġi revokata, u l-kap relattiv tal-ispejjeż, in kwantu l-esponent ġie kundannat iħallas żewġ terżi minnu, jiġi riformat, billi din il-kwota ta' spejjeż tiġi akkollata lill-attriċi; (5) kwantu għall-ħames domanda, is-sentenza appellata tiġi konfermata fil-meritu u fil-kap tal-ispejjeż. Billi jiġi dikjarat u de-

ċiż, għall bżonn, illi s-sentenza appellata, in kwantu tibqa' tiswa kontra l-konvenut Giuseppe Dimech għar-raġuni li dan ma appellax minnha, ma għandha bl-ebda mod tippreġudika lill-esponent appellant jew tagħmel stat kontra tiegħu. Bl-ispejjeż kollha ta' dan l-appell kontra l-attriċi jew kif jogħġobha tiddisponi din l-Onorabbli Qorti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għall-finijiet ta' dan l-appell hu biżżejjed li, kwantu għall-fatti, jingħad dan li ġej:— Il-konvenut Dimech xtara l-għalqa "de qua"; in segwitu l-konvenut Farrugia rkupraha bit-titolu tal-viċinanza, u Dimech irrivendielu. Wara rkuprat l-attriċi bit-titolu tal-konsangwineità (fol. 5); u billi r-rivendizzjoni ma saretx, hi għamlet iċ-ċitazzjoni odjerna;

Fiċ-ċedola tagħha, l-attriċi qalet, "inter alia":— "Liema depożitu jista' jiġi liberament żbankat mill-imsemmi Giuseppe Dimech malli huwa jopera r-rivendizzjoni favur l-esponenti";

L-appell, kif jidher mill-aggravju espost fil-petizzjoni, hu ristrett għall-punt tal-invalidità taċ-ċedola, li l-appellant qiegħed jiddeduċi mill-vizzju tagħha, minnu allegat, li d-depożitu sar biss favur il-konvenut Dimech, u għalhekk hu seta' jirrivendi, imma ma setgħax jirtira l-flus";

Hu paċifiku bejn il-kontendenti li, għalkemm l-attriċi, meta eżerċitat l-irkupru, kienet taf bl-irkupru ta' Farrugia u bir-rivendizzjoni lilu magħmula mill-konvenut Dimech, kif del resto ddikjarat hi stess fiċ-ċedola tal-irkupru, però hi ma ġietx notifikata b'ebda att ġudizzjarju dwar din ir-rivendizzjoni. Issa, hi ġurisprudenza paċifika fil-Qrati Tagħna, bażata fuq l-art. 1492 u 1498 Kap. 23 Ediz. Riv. (qabel numerati 1156 u 1162 Ord. VII tal-1868), illi, meta r-retraent ma jkunx ġie notifikat b'att ġudizzjarju bit-trasferiment li jkun għamel ix-xerrej lil terza persuna, allura l-irkupru jkun eżerċitat tajjeb kontra x-xerrej oriġi-

narju, avvolja r-retraent kien jaf bit-trasferiment; għax ir-rekwiżit tan-notifika ma jistax jiġi rimpjazzat bix-xjenza. Dan hu sewwa, għaliex evidentement il-liġi riedet tevita kwistjonijiet dwar il-prova tax-xjenza (ara, f'dan is-sens, Kollez. Vol. VII, p. 358; Vol. XV, p. 611-614; Vol. XXIX-II-754; Vol. XXXV-II-411-413; Vol. XXXVI-II-554-556-557; Vol. XXXVIII-II-473). Għalhekk, "stricto jure", l-attriċi setgħet teżerċita l-irkupru kif fil-fatt eżerċitatu, ċjoè fis-sens li titlob ir-rivendizzjoni kontra x-xerrej oriġinarju u tagħmel id-depożitu konsegwibbli minnu. Hu veru illi fil-prattika (Vol. XXIX, p. 759 fuq), f'każijiet simili, sabiex ma jinqagħlux ostakoli, ir-rivendizzjoni fiċ-ċedola tintalab alternattivament fil-konfront tax-xerrej oriġinarju jew tal-possessur attwali, u d-depożitu fl-istess ċedola jingħad konsegwibbli "minn min imiss" (Vol. XXXV-II-471 fuq); imma ladarba ma kienx hemm in-notifika tat-trasferiment b'att ġudizzjarju, kif fuq intqal, ir-retraent jista' jmexxi kontra x-xerrej oriġinarju u jitlob fiċ-ċedola r-rivendizzjoni kontra tiegħu u jagħmel id-depożitu konsegwibbli minnu. Del resto f'din iċ-ċedola tal-attriċi, hija nkludiet lill-appellant Farrugia u nnotifikatu biha; kożikkè kien hemm l-opportunità li jsiru l-arranġamenti soliti fil-waqt tar-rivendizzjoni, li ċjoè din issir mill-possessur attwali, u li x-xerrej oriġinarju jagħti l-kunsens tiegħu għall-iżbank tad-depożitu mill-possessur;

Għalhekk l-appell fil-meritu hu nfondat;

L-appellant talab ukoll temperament fil-kap tal-ispejjeż relattivi għall-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' domanda. Kwantu għal din tal-aħħar, dan sar evidentement bi żvista, għaliex l-appellant Farrugia ma ġiex akkollat b'ebda tanġenti ta' dan il-kap relattiv għar-raba' domanda. Kwantu għat-tliet domandi tal-ewwel, l-appellant jiddemerita kull mitigazzjoni, għaliex, kwantu għall-istadju tal-ewwel istanza, jirriżulta mill-provi li hu ma fisser xejn lill-attriċi dwar id-diffikultà li kellu (fol. 11); anzi, skond il-konvenut l-ieħor, l-appellant kien "tafa' l-karta fil-but u baqgħet hemm" (fol. 11 tergo), mentri kien sommament faċli li hu jiftiehem mal-attriċi u ma' Dimech dwar ir-rivendizzjoni u l-konsegwiment tal-flus; u kwantu għal dan

l-istadju, il-pożizzjoni tiegħu hi peġġjorata, għaliex erbgħa tijiem qabel l-appell hu kien ġie uffiċjalment avżat mill-konvenut l-ieħor li dan kien akkweta ruħu għas-sentenza, u li kien pront jersaq miegħu għar-rivendizzjoni u sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għall-iżbank tad-depożitu (fol. 70);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant Farrugia.